MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2010

Numru 819/2008

Il-Pulizija
(Spettur Bernard C. Spiteri)

vs

Kevin Victor Muscat

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 408670M, akkuzat:

- li fis 27 ta’ Lulju 2008, ghal habta ta’ 5.30 ta’ filghaxija, gewwa Triq Dobbie, Paceville, San Giljan, minghajr il-hsieb li joqtol jew li iqieghed il-hajja ta’haddiehor f’perikolu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe’ offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Suzanne Muscat.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Fil-kaz in disamina l-griehi huma gravi ghaliex jolqtu r-regjun tal-wicc u precizament l-imnieher. Ic-certifikat mediku esebit folio 14 jirreferi ghal griehi allegatament sofferti mill-kwerelanta u jiddeskrivihom li huma: a) small nasal abrasion – bridge of nose; b) swollen nose; c) bruising on right upper arm. Stante l-griehi fl-imnieher huma ghalhekk gravi ‘per natura’.

L-imputat ghazel li ma jixhidx izda xehdet il-kwerelanta li stqarret li filli zewgha u hi kienu qed jitkellmu filli fid-daqqa u l-hin ta daqtejn ta’ ponn f’wiccha u daqqa f’idejha.

Ziedet tghid li d-daqqa f’wiccha pprokuratiela nefha f’imnieherha li però ma sofrietx ksur u lanqas ma jirrizulta xi mankament jew sfregju tant li l-Qorti qeghdha tikkonsidra l-griehi sofferti bhala hfief.

Dwar il-htija tal-imputat il-provi huma tali li ghandha tinsab htija fih. Hemm izda il-mahfra tal-kwerelanti li tinnewtralizza l-piena.

Ghalhekk tiddeciedi li stante il-mahfra u konsegwenzjali rinunzja tiddikjara procediment ezawrit.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------